Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 186/2015

Il-Pulizja

Spettur Malcolm Bondin

Vs

Noel Farrugia

Illum 21 ta' Jannar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Noel Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 37182M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2012 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut

fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data:

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' April, 2015, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, disgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€199.54), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga, esebiti bhala Dok. NB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Noel Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamltix bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-appellant mhux qed jikkontesta l-pussess tad-droga, izda hija pussess semplici mhux aggravat. L-intenzjoni tieghu ma kienitx sabiex jqassam id-droga, izda li juzah hu. Hemm l-opinjoni tal-appellant l-elementi kollha li jindikaw li d-droga kienet ghalih esklussivament. Il-kwantita' tad-droga hija verament zghira, 0.67 gramma ta' reoina. Huwa pertenenti li tighid li s-sentenza inghatat guranata li dahal fis-sehh Drug Dependance Act, 2015, fejn l-artikolu 4 jghdi li jekk persuna ikollha fuqha zewg grammi ta' droga bhal eroina jitressaq quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja. F'dan il-kaz partikolari l-fatt li d-droga kien imqassam, m'huwiex bil-fors preparazzjoni ghat-traffikar. Ir-raguni li kien ta' l-Qorti hija oggettivament

verosimili, Ma riedx jiehu dak l-ammont ghaliex hass li f'dak il-mument kien wisq ghalih. Barra minn hekk l-appellant stess kien dipendenti mid-droga u b'hekk huwa plawsibbli li jkollu fuqu id-droga.

Ikkunsidrat,

L-appellanti iressaq il-kritika tieghu fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi jilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti meta jishaq illi d-droga li instabet mill-pulizija fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu personali tieghu u dan billi huwa mahkum mill-vizzju tad-droga. Fil-fehma tieghu ma jirrizultawx mill-atti probatorji l-elementi stabbilit mill-gurisprudenza dwar l-pussess aggravat tad-droga fil-pusess tieghu allura indikattiva li l-istess tkun intiza biss ghall-ispacc. Premessa dina l-impunjattiva ewelenija imressqa 'il quddiem mill-appellanti, huwa evidenti illi dak li qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna akkuzata. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni. Illi wara ezami akkurat ta'l-atti, din il-Qorti minghajr tlaqliq issostni illi ma tara l-ebda difett fl-apprezzament maghmul meta l-Ewwel Qorti fid-decizjoni ghaqlija milhuqa minnha evalwat tant bir-reqqa l-atti probatorji li kellha quddiemha.

Illi l-appellanti jammetti illi huwa dipendenti fuq id-droga erojina u jaghmel uzu regolari mill-istess tant allura illi jishaq illi ikollu bzonn fil-pusess tieghu ammont mhux insinifikanti sabiex il-provvista ghall-istess ma tonqsux. Huwa b'dan il-mod li jipprova jiggustifika il-fatt illi id-droga li instabet kienet diga maqsuma f'dozi kwazi identici fil-piz taghhom u ukoll il-fatt illi l-ammont ta' droga li instabet kien ta' inqas minn gramma (0.67grammi, maqsuma f'dozi ta' 0.2 grammi 'il wahda). Il-provi indizzjarji imbaghad fil-fehma tieghu ma jippuntawx kollha f'direzzjoni wahda tali illi jistghu iwasslu lil min irid jiggudika ghal dak il-grad ta' certezza morali ghal sejbien ta' htija u dan fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi huwa fatt skontat illi fil-pussess ta'l-appellanti instab ammont ta' droga li kien jeccedi l-uzu gornaljier tad-dipendenti. Huwa wkoll skontat illi l-appellanti huwa bniedem mahkum mill-vizzju tad-droga. Huwa ukoll cert illi l-attivita li giet osservata mill-ufficjali investigattivi qanqal suspett fihom illi l-appellanti kien qieghed jinvolvi ruhu fl-ispacc tad-droga. Issa dak li huwa inkriminanti fil-fehma ta' din il-Qorti mhuwiex daqstant l-ammont ta' droga li instabet fil-pusess ta'l-appellanti u il-fatt kif l-istess kienet maqsuma f'dozi indaqs, izda l-mod kif din id-droga instabet. Ma hemm l-ebda raguni plawsibbli, li b'xi mod tista tixhet dawl fuq il-fatt illi parti mid-droga kienet fuq il-persuna ta'l-imputat meta gie imwaqqaf mill-pulizija u li giet mormija minnu fl-art hekk kif gie intercettat u l-ammonti l-ohra (tlett iqratas ohra) li instabu diga f'pakketti zghar f'piz kwazi ugwali taht gebla fil-garaxx fejn l-appellanti kien qed jigi osservat mill-pulizija diehel u hiereg minnu ghal diversi drabi[1]. Dan huwa imsahhah mill-fatt illi l-appellanti jammetti meta gie interrogat li kien ghadu kemm ghamel uzu mid-droga ftit qabel ma qabbduh il-pulizija u allura iktar u iktar ma hemm l-ebda spjegazzjoni dwar l-attivita li kienet ghaddejja minn naha tieghu fil-garaxx fejn id-droga instabet mohbija. Illi l-iskuza li iressaq l-appellanti illi fiz-zmien in kwistjoni huwa ma kellux residenza u allura ma kellux post fejn seta izomm id-droga, xortawahda ma taghtix spejgazzjoni ghall-agir suspettuz tieghu. Di piu il-fatt li ma kellux residenza lanqas ma tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tifhem kif l-appellanti irnexxielu jaqsam id-droga f'dozi ta'piz kwazi ugwali kif jallega fit-triq barra u qieghdhom b'boroz li sab fiz-zibel! Ukoll ma jidhirx lanqas illi fil-pussess ta'l-appellanti instabu xi parafernalja uzata sabiex isir l-abbuz bhal *foil* u lighter kif jallega l-appellanti li kien ikollu bzonn sabiex jaghmel uzu mill-erojina. Affermati dawn ir-rizultanzi probatorji din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-konsiderazzjonijiet dettaljati u ghaqlija maghmula mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata.

[1] Ara xhieda ta' PS213 u PS1086

Illi l-appellanti iressaq impunjattiva ohra marbuta mal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta introdotti fil-legislazzjoni taghna permezz ta'l-Att numru 1 tal-2015. Jishaq illi id-disposizzjonijiet tal-ligi il-gdida dwar id-dipendenza fuq id-droga ghandhom japplikaw ghalih u kwindi din il-Qorti ghandha tassumi l-funzjonijiet imfassla fl-artikolu 8 ta'l-Att. Illi din il-Qorti diga kellha okkazzjoni tesprimi ruhha in materja u dan f'diversi digrieti moghtija fis-16 ta' Dicembru 2015 fejn it-talba hemmhekk imressqa mill-appellanti giet michuda ghall-motivi hemmhekk imfissra. Din il-Qorti ghalhekk mhux ser tiddilunga fuq dan l-aggravvju, izda in succint tirrileva illi sfortunatament il-ligi l-gdida halliet barra provvedimenti dwar kawzi decizi qabel ma giet promulgata dina l-ligi, fejn allura l-legislatur ma hasibx ghal disposizzjoni transitorja li tirregola dawk id-decizjonijiet li ma ghaddewx in gudikat billi ghadhom qed jistennew l-ezitu ta' appell. Referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali gewwa l-Ingilterra fid-decizjoni **Regina vs Christiana Boakye et**. (03/04/2012) taghti it-twegiba ghal din l-impunjattiva meta inghad:

*"… the sentencing process as a whole is prolonged when the defendant makes a timely application for leave to appeal against his sentence. However, whenever an application is made for leave to appeal, or an appeal is heard, the question for this court is whether the sentence imposed, was manifestly excessive or wrong in principle. Except to the limited extent that fresh information about the defendant may sometimes be receivable by this court on the principles which apply to fresh evidence, especially where it has come to light since the sentence was imposed, that question falls to be answered by reference to the facts, the circumstances and the tariff as at the date of sentence."*

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet jifdal ghalhekk biex jigi ikkunsidrat l-aggravvju nimressaq mill-appellanti dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu din kienet eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-artikolu 4 tal-ligi il-gdida tibghat lill-persuna misjuba b'inqas minn zewg grammi erojina sabiex jigi iggudikat mill-Kummissarju ghall-Gustizzja u mhux mill-Qorti. Illi din il-Qorti tqies illi dan l-aggravvju diga gie ikkunsidrat u allura billi meta l-appellanti gie iggudikat mill-Ewwel Qorti il-ligi il-gdida kienet ghadha ma dahhlitx fis-sehh kwindi dak li setghet

taghmel l-Ewwel Qorti kienet li teroga dik il-piena applikabbli fiz-zmien in kwistjoni. Illi irid jigi senjalat madanakollu illi dina d-disposizzjoni tal-ligi issib applikazzjoni biss meta ic-cirkostanzi tal-kaz ikunu tali *"li ma iwasslux li wiehed ragonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex ghall-uzu personali tal-persuna li ghandha il-pussess taghha,*[2]" fatt li ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Fi kwalunkwe kaz il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-fatt hija vicin hafna lejn il-minimu u kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha tvarja l-istess.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[2] Artikolu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta